**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Ir-Repubbllika ta’ Malta**
**(Av. Cynthia Tomasuolo)**
**(Spettur Michael Vella)**
**(Av. Miriayah Borg)**

**vs**

**Shallouf Ahmed Mahamoud**

**Preżentata 699/24**

**Illum, 5 ta’ Settembru, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkużi miġjuba kontra Shallouf Ahmed Mahamoud detentur tal-passaport Libjan bin-numru AB481404 akkużat talli fil-ħamsa (05) ta’ Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), għal ħabta ta’ bejn is-sagħtejn (02:00AM) u s-sagħtejn u nofs ta’ filgħodu (02:30AM) ġewwa H Hotel, Triq Santu Wistin f’San Ġiljan u/jew fil-viċinanzi akkużat talli:

1. Wettaq atti ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq il-persuna ta' -**Omissis**-, liema atti fihom infusom, ma jikkostitwixxux wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat imsemmijin fl-Artikoli ta' qabel l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

   *(Art 207 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);*

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkawża lil -**Omissis**- biża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa, subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

   *(Artikoli 251(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);*

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ssoġġetta lil -**Omissis**- għal xi att ta' intimità fiżika; kif ukoll ssoġġetta lill-istess -**Omissis**-għal xi att u, jew imġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluż kliem bil-fomm, mossi, u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba,

stampi u, jew xi materja ieħor, fejn dak l-att, kliemc, u jew l-imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolemnt jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidanti lejha;

*(Art. 251A(1)(c),(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)*

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawża u f'każ ta' ħtija ai termini tal-Artikoli 382, 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta a favur -Omissis-;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tiġi reġistrata ai termini tal-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli indikati 207, 222(1), 251(3), 251A(1)(c)(e), 412C, 382, 382A, 383, 384, 385, 412D, 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni bikrija tal-akkużi kif dedotti kontrih u wkoll reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li ngħata żmien raġonevoli sabiex jaħsibha;

Ġialadarba tħoss illi għalkemm ir-reat kontemplat taħt l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa wieħed ta' ċerta entità, xorta waħda, wara li tikkonsidra l-atti magħmula mill-imputat u l-piena minima applikabbli tkun waħda għolja ħafna u għalhekk fuq ammissjoni bikrija bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputat Shallouf Ahmed Mahamoud għal piena ta' sentejn (2) priġunerija u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal erba' (4) snin.

Il-Qorti tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni taħt l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal tliet (3) snin u liema ordni għandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Il-Qorti qed tordna wkoll li l-imputat jiġi deportat immedjatament lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu.

Finlament spjegat fi kliem sempliċi lill-imputat Shallouf Ahmed Mahamoud ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tiġix obduta.

_________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Reġistratur**